MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2009

Numru. 13/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**Versus**

**Salvino Muscat.**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Salvino Muscat ta' 41 sena, bin il-mejjet Paul u Josephine nee Calleja, imwieled il-Pieta' nahr it-28 ta' Awwissu 1963 u residenti May Year Flat No 3 Triq l-Għabex San Pawl il-Baħar / Qawra u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 461063 (M)

Akkużat talli f'dawn il-gżejjer ġewwa l-Qawra fl-10 ta' Frar 2005 u matul la-ħħar jiem qabel din id-data:

1. Assoċja ruħu ma’ xi persuna jew persuni oħra f’dawn il-gżejjer jew barra minn dwn il-gżejjer sabeix ibiegħ jew jittraffika mediċina (kokaina) f’dawn il-Gżejjer kontra d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 01 tal-Liġijiet ta’ Malta jew li jippromwovi, jikkostitwixxi, jew jorganizza jew jiffinanzja l-assoċjazzjoni.

2. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta’ persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita’ mogħtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kienux ghall-uzu esklussiv tieghu

3. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN

292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta; **liema droga nstabet f’tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu.**

2. Il-Qorti ntalbet tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 jekk ikun hemm sejbien ta’ ħtija.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess, il-fedina penali tiegħu a fol 8, iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat 4610 tal-1963, l-ordni tal-Avukat Ġenerali a fol 11, ir-risposta tal-imputat li ma kienx ħati (fol 12), il-proces-verbal redatt mill-Maġistrat Dr Antonio Mizzi (fol 20), il-konferma tal-ħatra tal-esperti maħtura mill-istess Maġistrat (fol 16), id-dikjarazzjoni magħmula mill-Prosekuzzjoni li l-imputat jimmerita li jgawdi mill-artikolu 29 tal-Kap 101 f’żewġ gradi (fol 42), l-istqarrija tal-imputat a fol 48, ir-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud (Dok MM) fol 55, ir-relazzjoni ta’ PS 46 Charlot Casha (fol 59), il-proces-verbal redatt mill-Maġistrat Dr Grixti (fol 72), il-current incident report a fol 96 (Dok JC), u l-emenda fit-tielet imputazzjoni mitluba mill-Prosekuzzjoni fit-tielet imputazzjoni, għal-liema emenda l-imputat ta ruħu b’notifikat (fol 100).

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Prosekutur.

Ikkonsidrat

6. Fl-10 ta’ Frar 2005, il-Pulizija marru jistennew barra r-residenza tal-imputat. Il-Pulizija telgħu fil-flat tal-imputat fejn instab trab abjad fuq CD player, liema sustanza kienet tidher maqtugħa fi strixxi. Fuq il-mejda kien hemm ukoll pakkett tas-sigaretti Rothmans Blue li fiha nstabu sitt qratas li fihom kien hemm sustanza suspettata kokaina. L-es Spettur Nadia Lanzon rat dan kollu personalment.

7. PC 1348 sab qartas tal-plastik li fih kien hemm sustanza bajda fejn l-imputat mill-ewwel qal li kienet

tiegħu.  L-imputat ukoll stqarr li it-trab ta' fuq il-mejda kien tiegħu ukoll.

**8. Iżda kien qal li s-sitt qratas li kienu nstabu fil-pakkett ma kinux tiegħu iżda tal-persuna li kienet ġiet u ħallietlu d-droga u dan il-pakkett nesieh warajh.  (fol 45).**

9. L-ex-Spettur xehdet li l-imputat kien ikkopera.

**L-Istqarrija tal-Imputat**

10. L-imputat qal li hu ma kienx jabbuża mid-droga.  Huwa qal li t-trab fuq il-long play kien kokaina.  Dan kien tal-persuan li kien ser jixtri minn għandha.  Huwa kien talbu 2.5 grammi kokaina.  Huwa kien ħallielhu tleit pakketti kokaina.  Tagħhom kellu jħallas Lm75.  Wieħed minnhom kien waddbu fil-but ta' ġakketta u l-Pulizija kienu sabuh. It-tnejn l-oħrajn kien qasamhom fi tleita u żiedhom b'xi ħaġa qisha l-baking powder.  Huwa kien ċempel lil ċeertu Jason biex jiġi għalihom.

L-imputat stqarr li dan Jason kellu jagħtih il-flus.  Jason kien qal lill-imputat (ara fol 50) li jekk l-imputat jagħtih il-kokaina, huwa kien ibiegħha u jaqta' mid-dejn.

**L-imputat aċċetta.**

L-imputat imbagħad ta deskrizzjoni ta' dan Jason.

Dwar is-sitt boroż fil-pakkett tas-sigaretti Rothmans, l-imputat qal li ma jafx x'inhuma.  Huwa qal li ma kinux tiegħu. (fol 50).  Huwa ħaseb li meta telaq biżball ħa l-pakkett tas-sigaretti tiegħu peress li l-imputat ipejjep Rothmans Bluwe wkoll u kien ħalla dan il-pakkett warajh.

It-tliet pakketti ta' droga li kienet tatu l-persuna l-oħra kienu waħda ġebla – dik li nstabet fil-ġakketta mentri t-tnejn l-oħra kienu daqsxejn imfarrkin.

L-imputat qal li hu ma jibiegħx droga u l-jum ta' qabel kien ħa ċans biex iġib flusu lura. (Ara fol 51).

**Dwar il-pakkett fil-ġlekk, dak kien ser itih lura li dak li ġabhomlu għax ma kellux x'jagħmel bih. (fol 52)**

**Prova Forensika**

**11. Skond l-espert forensiku kienu nstabu 4.926 grammi kokaina b'purita' ta' 53% fi tmien blokki li l-piż ivarja bejn 0.415 grammi sa 1.686 grammi.**

12. L-espert PS 46 Charlo Casha ikkonferma r-relazzjoni tiegħu u l-31 ritratt li kien ħa.

13. PC 1348 Joseph Campbell ħa sehem fit-tfittxija. Huwa kein innota li ġol-kċina fuq il-mejda kien hemm xi trab suspettat li kien droga. Filp-karma tas-sodda minn ġo ġakketta kien sab sachet li kien fih trab suspettat li kien xi droga. (fol 60). Dwar il-pakkett ix-xhud qal:

'Minn għalija kien qal li kien tiegħu.

14. Kien ukoll esibit PV redatt mill-Maġistrat Dr J Padovani Grima li fih ix-xhieda ġuramentata mill-imputat. Mal-istqarrija li diġa' saret referenza għaliha aktar 'il fuq, fil-proces verbal hemm stqarrija oħra li fiha l-imputat ta aktar dettalji dwar il-provenjenza tad-droga. Fl-istess proċes-verbal hemm ukoll xi ritratti.

15. Xehed ukoll PS 114 Massimo Persiano li kien involut fit-tfittxija u kkonferma li fil-kċina kienu sabu xi trab abjad susptettat kokaina li kien mifrux fuq album long play.[1] Fil-kċina kienu sabu pakkett Rothmans Blue li kien fih sitt qratas bi trab abjad suspettat droga.

16. Xehed ukoll l-Ispettur Ramon Cassar li kkonferma l-istess fatti li jidhru fil-paragrafu preċedenti. Huwa qal ukoll

[1] Hekk ukoll jidher f'wieħed mir-ritratti. It-trab ma jidhirx lli qiegħed fuq xi CD

li l-imputat kien għamel stqarrija kemm għand il-Pulizija kif ukoll quddiem il-Maġistrat Inkwirenti. (fol 82).

17. Mix-xhieda ta’ PC 277 Joseph Cini u PC 1348 Joseph Campbell jirriżulta li dawn ukoll kienu involuti fit-tfittxija u għarfu l-kontenut tar-ritratti li kienu esibiti qabel.

**Xhieda Difiża**

18. Xehed l-imputat (fol 106 sa 111). L-Avukat Difensur qralu l-istqarrija li kien għamel lill-Pulizija. Fl-aħħar l-imputat ikkonferma l-istqarrija. Fl-aħħar huwa rrefera għall-Irlandiż li kellu jagħti xi flus lill-imputat. L-imputat kompla jgħid:

***‘Li ġara hu li hu ried xi xogħol. Biss li ma kontx jaf jien li min ġab ix-xogħol kein diġa’ qiegħed f’kuntatt miegħu u anke kien f’kuntatt mal-Pulizija, jiġifieri miż-żewġ naħat. Qed narah tipo ta’ frame up jien, min-nħa ta’ min ġabha u l-Ingliż li sparixxa minn Malta.’***

19. L-imputat semma l-persuna li kienet tatu l-kokaina (fol 112). (Ara wkoll l-Istqarrija quddiem il-Maġistrat Inkwirenti fejn l-imputat ikkonferma wkoll min kienet il-persuna fir-ritratti). Kien l-ewwel darba li l-persuna li semma kien mar għand l-imputat. Meta l-imputat mar jiltaqa’ mal-Irlandiż, ma kien ħa xejn miegħu. Lill-Irlandiż kien qallu biex jinsa kollox. (fol 114). Huwa baqa’ jinsisti li huwa ma kien jaf b’xejn dwar dak li hemm fil-pakkett (Rothmans). Huwa qal ukoll li ma kienx jaf x’kienet is-sustanza li kien żied mal-pakketti. Huwa qal li qatt ma kien ħa droga u dak in-nhar kien ser jieħu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

20. L-ewwel imputazzjoni jew dwar assoċjazzjoni ma’ persuni oħra sabiex ibiegħ jew jittraffika l-kokaina.

21. Bħala l-aħjar każ fuq dan il-punt, il-Qorti tirreferi għal dak deċiż mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fil-5 ta’ Marzu,

2003 'The Republic of Malta versus Steven Caddick and Philip Walker.' F'dan il-każ il-Qorti qalet hekk:

*'Under our law the substantive crime of conspiracy to deal in a dangerous drug exists and is completed from the moment in which any mode of action whatsoever is planned or agreed upon between two or more persons (Section 22(1A) (Chapter 101). Mere intention is not enough. It is necessary that the persons taking part in the conspiracy should have devised and agreed upon the means, whatever they are, for acting, and it is not required that they or any of them should have gone on to commit any further acts towards carrying out the common design. If instead of mere agreement to deal and agreement as to the mode of action there is a commencement of the execution of the crime intended, or such crime has been accomplished, the person concerned may be charged both with conspiracy and the attempted or consummated offence of dealing, with the conspirators becoming co-principals or accomplices. Even so, however, evidence of dealing is not necessarily going to show that there was (previously) a conspiracy, and this for a very simple reason namely that two or more persons may contemporaneously decide to deal in drugs without there being between them any previous agreement.*

*The First Court correctly stated that the three elements that had to be proved for the crime of conspiracy to result were:*

*(i) The agreement between two or more persons*
*(ii) the intention to deal in drugs*
*(iii) The agreed plan of action.*

*It is irrelevant whether that agreement was ever put into practice.'*[2]

[2] Court of Criminal Appeal 6th March, 2003 'The Republic versus Steven John Caddick et pages 22 and 23

22. Il-Qorti mhix ser tieqaf fuq dan il-każ biss iżda ser tirreferi wkoll għal każ 'Ir-Repubblika versus Godfrey Ellul' deċiż fis-17 ta' Marzu, 2005[3] fejn il-Qorti qalet hekk:

*'Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa t-tieni stqarrija ta' Philip Magri u x-xhieda li ta waqt il-ġuri u tistqarr li minnhom ma jirriżultax li ġew 'ikkumbinati jew miftehma mezzi' li bihom l-apppellant u Magri kellhom jimxu sabiex ibiegħu jew jattriaffikaw mediċina perikoluża. Naqraw fl-Archbold:*

*'The essence of conspiracy is the agreement. When two or more agree to carry out their criminal intent, the very plot is a criminal act itself. Mulcahy v R (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317; T v Warburton (1870) L.R. 1 C.C.R 274; R vTibbits and Windust (1902) 1 .K.B. 77 at 89; R v Meyrick and Ribuffi 21 Cr.App. R 94 CCA Nothing need be done in pursuit of the agreement O'Connell versus R. (1844) 5 St.Tr.(N.S.) 1.'*

*'The agreement may be proved in the usual way or by proving circumstances from which the jury may presume it; R versus Parsons (1763) 1 W.Bl. 392; R versus Murphy (1837) 8 C&P 297. Proof of the existence of a conspiracy is generally a 'matter of inference, deduced from certain criminal acts of the parties accused, done in pursuance of an apparent criminal purpose in common between them.' R versus Brisac (1803) 4 East 164 at 171, cited with approval in Mulcahy versus R (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317.'*

23. Mill-fatti tal-każ odjern jirriżulta mill-istqarrija tal-imputat li kkonfermaha bil-ġurament darbtejn – quddiem il-Maġistrat Inkwirenti u quddiem il-Maġistrat sedenti -li huwa kien ftiehem ma' ċertu Jason (li allegatament kien midjun lejn l-imputat) sabiex l-imputat jgħaddi d-droga lil dan Jason li kellu jbiegħha sabiex mir-rikavat dan Jason ikun jista' jħallas parti mid-dejn.

[3] Qorti ta' l-Appell Kriminali 10/2001 paġini 29 u 30

24. Effettivmaent ftehmu li jiltaqgħu, iltaqgħu u mxew lejn id-dar tal-imputat. X'ħin kienu qed jiftħu l-bieb tal-blokk, marru fuqhom il-Pulizija u dan Jason sparixxa.[4]

25. Mill-elementi msemmijin fid-deċiżjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), mill-fatti kif esposti u ġuramentati mill-imputat innifsu jirriżultaw l-ewwel żewġ elementi.

26. Iżda fil-fehma tal-Qorti ma kienx ippruvat soddisfaċentement it-tielet element – l-'agreed plan of action'.

27. Għaldaqstant il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni.

**It-Tieni Imputazzjoni**

28. Din l-imputazzjoni hija dwar il-forniment jew l-ipprokurar tad-droga kokaina. Skond il-provi li nġabu quddiem il-Qorti, l-imputat kien ser jgħaddi l-kokaina lil trza persuna meta l-Pulziija fixklu l-pjan kollu.

29. L-imputat – li stqarr hu stess qatt ma kien ħa xi droga –mhux biss ħeba d-droga f'but ta' ġlekk iżda qabad żewġ pakketti u beda jżidilhom xi baker powder. Huwa kien ċempel lil Jason ħalli jiġi għalihom.

30. Bla dubju ta' xejn huwa t-tentattiv ta' bejgħ tad-droga ai termini tal-artikolu 41(1)(a) tal-Kap 9. It-tentattiv ta' traffikar ta' droga huwa punit bl-istess mod daqs li kieku twettaq ir-reat. (Ara l-artikolu 22(5) tal-Kap 101).

**31. Il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ippruvat it-tieni imputazzjoni u qed issib lill-imputat ħati tagħha.**

**It-Tielet Imputazzjoni**

4 Ara fol 8 tal-Proċes Verbal redatt mill-Maġistrat Dr Padovani Grima.

32. Din l-imputazzjoni hija dwar il-pussess aggravat tal-kokaina. Il-Qorti għarblet il-provi – kemm l-istqarrija tal-imputat kif ukoll l-evidenza miġbura waqt it-tfittxija – u qed tqis dawn iċ-ċirkostanzi:

(a) Ex admissis l-imputat kien ser jgħaddi d-droga lil ħadd ieħor sabiex din tinbiegħ
(b) Li l-imputat stess qal li qatt ma kien uża d-droga – għalhekk din am kenitx intiża għall-użu tiegħu;
(ċ) Tassew li huwa u jixhed dawwar dan kollu u qal li kien għaddej minn żmien diffiċli. Lill-Qorti xejn ma kkonvinċiha b'dak li qal u kien jidher li qed jipprova jsib skuża għala huwa kien iħallat il-kokaina mal-baking powder u xejn aktar;
(d) L-ammont li nstab mhux wieħed żgħir – għax huwa fuq erba' grammi għand persuna li ma kentix tuża d-droga;
(e) Li piż tad-diversi biċċiet huwa kważi identiku;
(f) Li l-Qorti mhux temmen dwar l-istorja tal-pakkett Rothmans li dan tħalla bi żball mill-persuna l-oħra. Il-Qorti ndunat li kemm waqt l-istqarrija quddiem il-Pulizija, u aktar u aktar fuq il-pedana tax-xhieda, din l-istorja li l-pakkett kien ta' persuna oħra ma kenitx ħlief montatura ***'da parti tal-imputat as a damage limiting exercise.'***

**33. Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ippruvat it—tielet imputazzjoni u qed issib lill-imputat ħati tagħha.**

**Konklużjoni**

34. Il-Qorti, wara li rat l-artikol17(h) u 41(1)(a) tal-Kap 9, it-Taqsmiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a),22(1)(f), 22(2)(b)(i)(ii), 22(IB), 22(5) u 29 tal-Kap 101 u r-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939 qed tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni waqt li qed issibu ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni bit-tielet imputazzjoni assorbita fit-tieni imputazzjoni ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

35. Il-Qorti qed tqis li skond il-Prosekuzzjoni l-artikolu 29 tal-Kap 101 japplika b'żewġ gradi, qed tapplika l-artikolu 17(h) tal-Kap 9 iżda qed tikkonsdira li l-fedina penali mhix nadifa.

36. Il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal hdax-il xahar priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' €1700. Il-multa tista' titħallas b'rati ta' 100 Ewro kull xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ jrid jitħallas f'daqqa. Jekk xi parti minn din il-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Ewros li ma jitħallsux.

37. Peress li din l-inkjesta saret qabel is-16 ta' Jannar 2006, il-Qorti mhix tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-esperti.

38. Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------